# Tifel tas-Suq

*"Sketch" ta'* Ġ. CASSAR PULLICINO

DAN Dovik li sa ngħidilkom fuqu sata' ġie bin is-sinjuri f'dar il-għonja, imma xortih wellditu ġo kerrejja u bin il-faqar. Ommu kienet tidħol għal xi ħasla ħwejjeġ għand in-nies; daqqa ddabbar xi ħaġa talli tnaddaf il-berġa tat-Tabib tal-Gvern, oħra tindaħal biex issamsar meta jinżlu xi morini u jridu jsibu fejn joqogħdu l-art, u hekk kienet tpixka u tlaqqat sold mhux ħażin. Missieru kien idur b'xi żarbun jew qalziet tas-suldati għallbejgħ, u kien ukoll ibiegħ il-*gaxin*. Kont taraħ jinżel il-kwartier, jiġbor il-fdal tal-mejda u mbagħad imurlek ħdejn il-Fosos ta' Sant Iermu jew fuq il-Barrakka t'Isfel u jgħajjat: "Min inbiegħlu b'*sei*?" Dan kollu jiftakru sewwa Dovik. Kif igħaddi ż-żmien? Donnu l-bieraħ! Kien jieħdu miegħu missieru biex iżommlu waħda mill-landi mimlija b'*ta' l-Ingliż*. U mhux hekk biss. Fis-sajf missieru kien jarma qoffa fuq dahru u joħroġ ibiegħ ir-rizzi. U Dovik kien iżommlu l-landa għall-qxur imkisser, u jimxi quddiem igħajjat "Rizzi mimli!"

Taħsbux li dan Dovik rifes is-Suq il-bieraħ! Min jiftakru ħaj igħid li Dovik kien l-ixjeħ wieħed bil-posta. U ma' tul ħajtu s-Suq inbidel sħiħ. Jiftakar il-posti għadhom mingħajr ħadid bejniethom, meta kienu mifrudin waħda mill-oħra bl-ixkejjer biss; jiftakar l-erba' egħjun fil-kantunieri li kienu jtellgħu l-ilma mill-ġibjun ta' taħt għall-ħasil u għax-xorb. Tgħiduli: "Mela kemm kellu żmien dan Dovik?" Sew sew anqas jien ma naf ngħidilkom, għax jien li smajt fuqu m'għand ħaddieħor. Imma kien twieled wisq qabel ma daħħlu d-dawl elettriku fis-Suq, għax dejjem kien igħid li għal żmien twil jiftakru mixgħul bil-gass.

Mat-tmien snin Dovik sab ruħu lavrant ma' wieħed bil-posta tal-laħam. Għall-ewwel bata sa dara, imma mbagħad, ftit ftit, qagħad għall-ħajja tas-Suq. Kien jisbaħlek minn kmieni jqatta' l-ikkapuljat, jaħsel l-imsaren, jaqlibhom, u jimlihom zalzett minn ġol-lenbut u mbagħad ilabbar kull milwa biex jiskula ħasil il-laħam minnha u tinxef iktar malajr. Daqqiet l-imgħallem kien jibagħtu taħt is-Suq, fil-kantina, fejn kien ikun hemm il-laħam immellaħ fis-salmura ġewwa l-btieti u kien jgħabbihom il-ġebla biex il-laħam jippressa ruħu sew. Habtiet tiġihom ordni biex iservu l-laħam abbordijiet jew f'xi sptar, u

oħra kienu jibagħtu għal nofs robbu mill-ħwienet tal-baħrin tat-Triq id-Dejqa, u kienu jfittxu jservuhom mill-aħjar.

Il-posta kienet imqabbda tajjeb u dejjem mimlija bil-laħam. Biċċa kienu jġibuh mill-Biċċerija (dak iż-żmien kienet il-Belt) u oħra kienu jixtruħ m'għand il-bejjiegħa t'Għawdex. Kont tara 'l tas-Suq joħorġu fil-bieb tal-ġenb u lill-Għawdxin igħidulhom kemm sa jwasslu fil-prezz ġo widinthom biex ħadd ma jkun jaf kemm għolla wieħed fuq l-ieħor. U mbagħad il-ftehim isir, l-Għawdxi jgħidlu "Għalik mela, ħabib", u l-ieħor idaħħal il-laħam ġol-posta. Kien ikun laħam ta' kull xorta, daqqa xi għoġol imsemmen jew baqra niexfa mill-ħalib, oħra majjali u oħra mtaten jew ħrief. Maż-żmien Dovik beda jifhem fil-bhejjem: sar jagħżel mad-daqqa t'għajn bejn laħam il-fart u laħam il-kelb, u l-muntun mill-mogħża, u kien igħidlek 'k dik innagħġa hix tajba biex taħdimha fil-posta skond jekk tkunx terfa' xaħam wisq jew tkunx imġelġla.

U hekk iż-żmien għaddej, Dovik kiber u baqa' jikber fil-lant tal-laħam. U madankollu kien qed isir xogħol ieħor madwaru. Għalkemm kulħadd kien ikun meħdi b'xogħlu, Dovik kien ikun jaf li dawk in-nies bil-ħorġ mixħut fuq spallithom kienu l-ġenniena tat-tjur li jistennew 'il tal-posti joħorġu barra s-Suq filgħodu kmieni biex jikkurdaw fuq it-tiġieġ u l-fniek li kienu ġabra mill-irħula. Kien jitgħaxxaq jara l-kaċċa mdendla fil-posta ta' quddiem, daqqa fniek salvaġġi maqbudin bin-nemes jew maqtulin bl-ixkubetta fuq ir-reddiesa, oħra xi erba' borok jonkella, meta jpassi, il-gamiem u s-summien. Kien jara wkoll il-bejgħa tal-ħaxix dieħla mill-bieb tal-ġenb: tkun għadha ġejja m'għand il-pitkal fil-qfief imgħallmin biż-żebgħa biex jingħarfu, u kien jaf li dawk tal-posta tal-ħaxix jixtru m'għand il-pitkali bil-patakki u bl-irbgħajja u jbiegħu lill-poplu bil-flus tal-lum — bis-soldi u bix-xelini. Tal-ħut l-istess. Kienu jgħaddu l-lavranti u l-psatas tas-Suq bil-kvievet mimlijin ħut fuq rashom, ġejjin minn għand il-kumpratur tax-Xatt — u l-kvievet, imweżnin fuq il-qawwara, bl-ilma baħar iqattar minnhom, iħallu ċ-ċfales minn kull fejn igħaddu......

Issa Dovik beda jiqliel u jitqarqaċ. Kien twal u mtela' u sar mogħla hawn. Kellu xagħru wieqaf u mimxut 'il fuq u m'għonqu kellu kuruna u dirgħajh mimlijin tpinġija li kien għamillu wieħed suldat tal-Milizja bil-labar. Bħal sħabu l-oħra tas-Suq, kien jinbex lix-xemx għaddejja. 'K tgħaddi mara ħox-

na minn quddiem il-posta u ma tiqafx tixtri għandu malajr jitfagħlha botta u jgħajjat: "Maltemp għandna, sinjuri!". 'K jara wieħed liebes l-abjad jara kif jagħmel itajjar id-demm jew l-ilma fuqu u mbagħad igħid "Ara jċappas!" Idejh kienu jikluh għall-ġlied: mal-baħrin min jaf kemm taw huwa u sħabu! U bejniethom ġie li taw ukoll imma, ħaġa tal-għaġeb, qatt ma ġera d-demm għax l-ewwel ħaġa li kienu jagħmlu qabel iħebbu għal xuljxin kienu jwaddbu minn fuqhom l-imwies u l-iskieken biex jiġġieldu bil-fier, bil-ponn biss. Imma lit-tfajliet kien iżommhom bid-diskors u kien jagħżlilhom laħam xkett u jgħidilhom "Qubbajd tajtek!" U meta, xi darba wara nofs innhar, kien jiġi wieħed jaf isaffar bħall-agħsafar kollha u jagħmel il-ħsejjes tal-bhejjem, Dovik u sħabu kienu jżommuh isaffar issa bħal verdun jew bħal kanal, issa jagħmel bħal barri jew qażquż jonkella jagħmel il-ħsejjes tal-karozzi tan-nar li kienu għadhom kemm daħlu. Kienu jinġemgħu miegħu u jagħtuh fastidju. Daqqa jissuttawh b'xi biċċa laħam imrejħa, oħra b'xi ħaxixa midbiela. Imma qabel jitlaq kienu jnewwlulu xi biċċa zalzett jew ħobża jonkella xi sieq tal-majjal għat-tisjir. U dak l-imbierek kien jeħodhom u jerġa' jmur wara żmien, għax is-Suq hemm il-barka t'Alla u fih il-ħajja!

F'daqqa waħda Dovik xeba' Malta u tah li jsiefer. Tah li jsiefer u meta ġietu x-xoqqa f'moxtha ra kif imbarka fuq bastiment u mar Bengħażi ma' wieħed bin-negozju tal-bhejjem. Hemmhekk anqas ma saddad u telaq għal Spanja fejn għadda żmien twil jiġri minn post għall-ieħor u anki għamel sħab ma' wieħed fin-negozju tal-ħut. Kienu joħorġu bl-iskejjen, kellhom it-tunnara u kienu jsiefru t-tonn li jaqbdu, biċċa minnu għal Malta. U kemm dam hemm dara jitkellem bl-Ispanjol, sar jilbes il-kappell *sombrero* u fuq il-qalziet kien idawwar ma' qaddu terħa bħal tagħhom. Għax Dovik kien indieħes sewwa: fil-ħwienet jismagħhom idoqqu l-kitarra u jċaqċqu l-kastanjoli u jħabbtu t-tanbur, jarahom jiżfnu l-*bolero* u l-*fandango* — u kultant imur jara l-festa tat-toru. Kienet tidħol il-komitiva, biċċa rekbin fuq iż-żwiemel, lebsin ġobba bil-mantell iswed fuqha, oħrajn rekbin bhejjem magħluba u lebsin ġobba rrakkmata b'kappell f'rashom wiesa' wiesa'. Kien jarahom u jistagħġeb bil-qlubija u bil-ħeffa kif kienu jduru mat-toru, l-ewwel isaħħnuh bil-biċċa l-ħamra sakemm fl-aħħar joqtluh b'daqqa waħda bis-sejf twil li jkollhom. Għalkemm Dovik kien baqa' għażeb, taħsbux li ma ġeriex mal-*muchachas*. Kienu

jixtequh lil Dovik, u ġrew warajh bil-bosta; imma dan baqa' bħal ma ngħidu aħna bil-Malti "għarus is-sena kollha u ż-żwieġ ma jasal qatt". U hekk saflaħħar għaddew is-snin u Dovik reġa' ħass li jrid jiġi Malta. Ġabar kull ma kien faddal u ħalla warajh għal dejjem 'il dik l-art tat-toru u tas-senoritas.

Issa Dovik reġa' Malta u ħa posta s-Suq għal rasu. Ferħu bih sħabu tas-Suq u laqgħuh tajjeb. U dak in-nhar li reġa' rifes it-tirġien tas-Suq bdew iħabbtu bis-skieken u bl-irtal fuq l-imwieżen u fuq il-bankijiet, u ''jċemplu l-qanpiena tal-bieb. U dawk li kienu ta' mparu stednuh jiekol magħhom għand dik li ssajjar wara s-Suq u lestitilhom imqarrun u fenek u torta, u xorbu l-inbid ta' Spanja u daqqew fuq il-kitarri, ċaqċqu l-kastanjoli u ġiebu 'l Rużar l-Għama jqabblilhom......

Dan kien Dovik tas-Suq. Il-lum it-tifkira biss għad fadal tiegħu. Imma meta miet sħabu qassmu s-santi bir-ritratt tiegħu u f'kull posta għandek issib waħda. Jekk tistaqsi fuqu jgħidulek "Ilu li miet, miskin, Dovik! Kemm ġera fi żmienu! U kemm kien jaf x'igħid fuq Spanja! Ma kellniex tifel aħjar minnu s-Suq!"

Hekk hu! Dovik ħalliena, bħal ma kull wieħed minna jrid iwelli f'din id-dinja. U bħal nies oħra li jitwieldu u jgħixu f'ambjent żgħir, ħalla warajh l-isem tiegħu li għamel biss ħoss żgħir bejn il-ħitan tas-Suq.